MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 1201/2001/1

**Joseph Mifsud ghan-nom,**
**f'isem u in rappreżentanza tas-socjeta` kummercjali estera**
**Hugo Boss AG, u wara rikors tad-9 ta' Jannar 2007**
**il-Qorti b'digriet tal-10 ta' Jannar 2007**
**awtorizzat lir-rikorrenti l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud, ghan-nom, f'isem u fl-interess tas-socjeta` estera**
**Hugo Boss Trade Mark Management GmbH & Co. K.G.**
**jassumi l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Hugo Boss AG.**

**v.**

**1. Dr. Luigi A. Sansone nominat b'digriet tat-12 ta' Lulju 2001 bhala kuratur deputat sabiex jirrappezenta lis-socjeta` kummercjali estera Reemtsma Cigarettenfabriken G.m.b.H ta' Max-Born-Strasse 4,22761 Hamburg il-Germanja u dan anke b'konsegwenza tad-digriet tal-21 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti awtorizzat li l-isem "Reemstma" jigi sostitwit bl-isem "Reemtsma" fl-okkju tac-citazzjoni u kull fejn jirrikorri.**

**2. Il-Kontrollur tal-Propjeta` Industrijali.**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Lulju 2001 mill-attur nomine li tghid hekk:

"Billi s-socjeta` estera konvenuta talbet ir-registrazzjoni hawn Malta tal-marka (*Trade Mark*) konsistenti fil-kelma BOSS riferribbilment ghal diversi prodotti (Marka numru 31618) prodotti tal-istess socjeta` estera konvenuta u dan kif jirrizulta mill-avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Dicembru 2000, (Dokument "A");

"Billi permezz ta' ittra datata 9 ta' Frar 2001 l-attur Joseph Mifsud *nomine* ghamel oppozizzjoni formali ghar-registrazzjoni tat-*Trade Mark* fuq imsemmija, ghar-raguni illi s-socjeta` kummercjali attrici hija gia` proprjetarja tal-marka "BOSS", ben maghrufa internazzjonalment u ghandha fama mondjali, li tintuza ghall-prodotti u mibjugha ghall-istess socjeta` estera attrici (Dokument "B");

"Billi s-socjeta` estera konvenuta pprezentat kontro-dikjarazzjoni datata 23 ta' April 2001, fejn tat ir-ragunijiet taghha kontra l-oppozizzjoni tas-socjeta` kummercjali estera attrici (Dokument "C");

"Billi s-socjeta` kummercjali estera attrici ilha taghmel, f'diversi pajjizi mad-dinja, uzu mill-marka Boss ghall-prodotti kummercjalizzati minnha u ghall-istess skop ghamlet investiment ingenti matul numru ta' snin, sabiex iggib 'il quddiem l-istess prodotti taghha;

"Billi jekk tigi ammessa u accettata r-registrazzjoni tal-applikazzjoni tas-socjeta` kummercjali konvenuta tal-marka numru 31618, din is-socjeta` kummercjali konvenuta sejra b'hekk tiehu vantagg indebitu mill-avvjament krejat mis-socjeta` attrici estera u mill-investiment kbir fuq imsemmi u b'dan jigi kkawzat dannu lill-istess socjeta` kummercjali attrici u dan ghaliex iz-zewg marki huma identici jew tant jixbhu lil xulxin li zgur sejrin jikkrejaw konfuzjoni fil-mohh tal-konsumatur;

"Billi l-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali accetta l-applikazzjoni tas-socjeta` estera kummercjali u beda l-process tar-registrazzjoni tal-marka fuq imsemmija tal-istess socjeta` konvenuta u mill-investiment kbir kif fuq imsemmi u b'dan jigi kawzat dannu lill-istess kumpanija attrici u dan ghaliex iz-zewg marki huma identici jew tant jixbhu lil xulxin li zgur sejrin jikrejaw konfuzjoni fil-mohh tal-konsumatur.

"Billi l-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali accetta l-applikazzjoni tal-kumpanija konvenut u beda l-process tar-registrazzjoni tal-marka tal-istess kumpanija konvenuta;

"Ighidu ghalhekk il-konvenuti nomine previa ghal bzonn id-dikjarazzjoni illi l-oppozizzjoni fuq imsemmija maghmula mid-ditta attrici fuq imsemmija ghat-talba tal-kumpanija estera konvenuta saret validament u legalment, ghaliex:

"1. m'ghandhiex tigi rifjutata u kancellata r-registrazzjoni tat-*Trade Mark* fuq imsemmija mitluba mid-ditta estera konvenuta u ghall-bzonn;

"2. il-ghaliex il-Kontrollur m'ghandux jigi ordnat li jirrifjuta r-registrazzjoni tal-istess *Trade Mark*.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine*, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

"Ghall-fini tal-Artikolu 88 (3) tal-Kap 48 tal-Ligijiet ta' Malta Edizzjoni riveduta l-atturi *nomine* joffru l-infraskritta malleverija ghall-ispejjez kollha tal-gudizzju."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine (fol. 28) li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigi michuda bl-ispejjez billi ma hemmx il-potenzjalita` ta' konfuzjoni bejn it-*Trade mark* tas-socjeta` konvenuta bin-numru ta' applikazzjoni 31618 – "BOSS" in konnessjoni ma' prodotti ta' tabakk u ohrajn relatati, u t-*trade mark* tas-socjeta` attrici "HUGO BOSS", maghrufa *se mai* fil-kamp tal-moda in konnessjoni ma' prodotti ta' lbies, u ghaldaqstant bir-registrazzjoni tat-*Trade mark* numru 31618 – "BOSS" f'isem is-socjeta` konvenuta ma jkun qieghed jigi kommess ebda pregudizzju fil-konfront tas-socjeta` attrici;

"2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali (fol. 40) li in forza taghha eccepixxa:
"1. Illi l-prezenza tal-esponent hija mehtiega biss ghall-integrita` tal-gudizzju, u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talba attrici salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi.

"2. Illi l-esponent m'ghandux ibati spejjez.

"3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju, 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi qalet hekk:
"... ... ... **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` estera konvenuta u l-eccezzjoni tal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali fejn dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tas-socjeta` estera attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

"Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici."
Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:-

“Illi s-socjeta` attrici hija proprjetarja tal-marka “BOSS” li hija maghrufa internazzjonalment u ghandha fama mondjali, u tintuza ghall-prodotti u mibjugha mill-istess socjeta` u s-socjeta` estera konvenuta talbet ir-registrazzjoni f’Malta tat-*trade mark* (Nru. 31618) konsistenti fil-kelma “BOSS” riferribbli ghal diversi prodotti taghha. Fid-9 ta’ Frar 2001, l-attur Joseph Mifsud *nomine* ghamel oppozizzjoni formali ghar-registrazzjoni tat-Trade mark Nru. 31618 u fit-23 ta’ April 2001, is-socjeta` konvenuta estera pprezentat kontro-dikjarazzjoni fejn tat ir-ragunijiet taghha kontra l-oppozizzjoni tas-socjeta` attrici. Il-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali accetta l-applikazzjoni tas-socjeta` konvenuta estera u beda l-process tar-registrazzjoni tal-marka u ghalhekk is-socjeta` estera attrici pprezentat ic-citazzjoni attrici sabiex titlob lil din il-Qorti biex tali registrazzjoni tat-*trade mark* tigi rifjutata u kancellata *stante* li jekk tigi accettata s-socjeta` estera konvenuta se tiehu vantagg indebitu mill-avvjament krejat mis-socjeta` attrici u mill-investiment kbir li ghamlet u b’dan jigi kkawzat dannu lilha peress li z-zewg marki huma identici jew tant jixbhu lil xulxin li se jikkrejaw konfuzjoni fil-mohh tal-konsumatur.

“Illi l-konvenut kuratur deputat ghas-socjeta` estera konvenuta eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex m’hemmx potenzjalita` ta’ konfuzjoni bejn it-*trade mark* tas-socjeta` konvenuta BOSS in konnessjoni ma’ prodotti ta’ tabakk u ohrajn relatati, u t-*Trade mark* tas-socjeta` attrici HUGO BOSS maghrufa fil-kamp tal-moda in konnessjoni ma’ prodotti ta’ lbies.

“Illi l-konvenut Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali eccepixxa li l-prezenza tieghu kienet mehtiega biss ghall-integrita` tal-gudizzju, u tant li rrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti.

“Illi jinghad fl-ewwel lok li din il-kawza hija bbazata fuq id-dispozizzjonijiet **tal-Kap. 29 tal-Ligijiet ta’ Malta**. Dan ghaliex din l-Ordinanza baqghet fis-sehh permezz ta’ dispozizzjonijiet transitorji kontenuti fl-Att li Jirregola t-

*Trade marks* [Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta). Infatti l-**Artikolu 91(1) tal-Kap. 416** jipprovdi li :-

*"Procedimenti taht il-Ligi l-Qadima li jkunu ghadhom pendenti mal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att ghandhom jigu trattati taht il-Ligi l-Qadima u ghandha ssir kull tibdila mehtiega skond u konformi ma' dawk il-procedimenti fir-registru l-gdid".*

"Illi fil-kaz in ezami t-talba ghar-registrazzjoni mertu tal-vertenza odjerna saret fil-11 ta' Mejju 2000, is-socjeta` estera attrici ghamlet oppozizzjoni formali fid-9 ta' Frar 2001, il-kontro-dikjarazzjoni hija datata 23 ta' April 2001, u c-citazzjoni odjerna giet prezentata fit-3 ta' Lulju 2001. Illi ghalhekk l-artikolu rilevanti ghall-kawza in kwistjoni huwa l-**Artikolu 81 (1) tal-Kap. 29** li jipprovdi li:-

*"Il-marki u l-kelmiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan ghandhom ikunu differenti minn dawk gia` uzati legalment minn ohrajn".*

"Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"L-Avukat Dottor George Hyzler noe vs Borg and Aquilina Limited et"** (A. C. 13 ta' Lulju 2001 - App Civ Numru: 1431/96) intqal :-

*"Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna 'il-kwistjoni jekk ghandhiex tigi accettata oppozizzjoni ghar-registrazzjoni ta' Trade Mark, fuq il-motiv li dak it-Trade Mark ta' haddiehor li jopponi dik ir-registrazzjoni, hija mpernjata fuq il-principju tal-idea dominanti taz-zewg marki, indipendentement mid-dettalji li jkunu jakkompanjaw dik l-idea dominanti. Jekk l-idea dominanti tal-marka in kontestazzjoni thalli l-impressjoni tali li tista' ggib il-konfuzjoni bejn iz-zewg Trade Marks, l-oppozizzjoni ghar-registrazzjoni hija gustifikata. Il-prodotti li ghalihom ikun irid jigi applikat il-markju li tieghu tintalab ir-registrazzjoni ma hemmx bzonn ikunu identici ghal dawk tal-parti opposta, imma huwa bizzejjed li jkunu 'of the same description' (Vol. 36D p 616 Onor. W. Salamone noe vs Giorgio Borg noe).*

*"Il-kompratur ma jkollux iz-zewg marki f'idejh meta jixtri, imma jkollu biss f'mohhu l-idea dominanti tal-marka. 'The question is not whether if a person is looking at two trade marks side by side there would be a possibility of confusion; the question is whether the person who sees the proposed trade mark in the absence of the other trade mark, and in view only of his general recollection of what the nature of the other trade mark was, would be liable to be deceived and to think that the trade mark before him is the same as the other, of which he has a general recollection. (Sandow's Application (1914)).*

*"Ghalhekk biex wiehed jistabilixxi s-somiljanza wiehed irid ihares lejn it-trade marks fl-interita' taghhom, as a whole, u mhux joqghod janalizza l-elementi individwali tal-marki. L-applikazzjoni trid tkun sostanzjalment differenti minn dik tal-parti l-ohra".*

"Illi mbaghad fis-sentenza **"Avv Dr Edaordo Sammut noe vs Captain Victor Trapani noe"** (Q. K. 20 ta' Ottubru 1953) il-Qorti kkonkludiet li anke jekk fil-fatt it-*Trade mark* ma tkunx irregistrata hawn Malta, it-*trade mark* tibqa' proprjeta` ta' sidha ghax il-proprjeta` ta' marka ta' fabbrika jew tal-kummerc ma tiehux l-ezistenza guridika taghha mill-formalita` tar-registrazzjoni, u din tistrieh fuq l-istess principji generali tad-dritt komuni li jirregola l-principji ta' pussess u proprjeta` ta' dak li jkun. Fil-fatt fl-istess sentenza inghad li:-

*"Malli trade mark jigi applikat u realment uzat fis-suq biex jindika lill-kumpraturi illi l-merkanzija li ggib dak it-trade mark hija l-prodott ta' ditta partikulari, dak it-trade mark sar, sa dak il-pont, proprjeta` esklussiva ta' dik id-ditta, u hadd iehor ma jkollux id-dritt li jikkupjah, lanqas li japproprija ruhu minn xi parti minnu, jekk b'dik l-approprijazzjoni kumpraturi mprudenti jistghu jigu migjubin jemmnu li jkunu qeghdin jakkwistaw merkanzija fabbrikata mid-ditta proprjetarja ta' dak it-trade mark".*

*"Il-markji ta' fabbrika u ta' kummerc ghandhom jigu protetti f'kull Stat, tant jekk appartenenti lic-cittadin, kemm lil stranjeri, tant fl-ipotesi illi l-istabbiliment principali tan-*

*negozjant li lilu jkun jappartjeni jkun jinsab fit-territorju tal-Istat, kemm fil-kaz li jkun fl-esteru.”*

“Illi nfatti fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet **“L-Avukat Dottor George Hyzler noe vs Borg and Aquilina Limited”** l-Onorabbli Qorti tal-Appell irriteniet li l-**Artikolu 81 tal-Kap *29*** *“jistabilixxi minghajr ebda dubju ta’ xejn li sabiex trade mark tista’ tigi registrata, din trid tkun distinta differenti minn trade marks ohra gia uzati minn haddiehor. Ma jfissirx dan bilfors li trade mark gia` uzata legalment minn haddiehor trid tkun trade mark registrata taht il-Kap. 29 taghna, imma necessarjament wiehed jaghmel riferenza ghal kwalsiasi trade mark li tkun uzata minn kummercjant sabiex jiddistingwi l-prodott tieghu minn ta’ haddiehor”.*

“Illi fuq l-istess binarju kienet is-sentenza fl-ismijiet **“Av Dottor Pio M. Valletta noe vs Joseph Busuttil et noe et”** (A. C. 19 ta’ Novembru 2001 - App. Civ. Numru: 268/91) fejn inghad li:-

*“Sabiex wiehed jitlob protezzjoni fit-termini tal-Kap 29 ma kienx mehtieg li t-trade mark tkun attwalment registrata f’Malta. L-Artikolu 82 ta’ dak il-Kap jipprovdi ‘Kull persuna jista’ jkollha l-uzu esklussiv tat-Trade mark basta li thares id-disposizzjonijiet tal-artikoli li gejjin ta’ din it-taqsima’. Il-ligi stess allura taghti l-jedd lil persuna li topponi talba ghar-registrazzjoni. Konsegwentement ma jidhirx floku li wiehed jargumenta li t-Trade mark ta’ min jimponi trid tkun registrata sabiex ikun jista’ jipprocedi ai termini tal-art.88 tal-Kap. 12, kif ipprocediet is-socjeta` attrici. D’altronde gie stabilit fil-gurisprudenza illi ‘il-fatt ta’ registrazzjoni m’huwiex fih innifsu il-krejazzjoni tad-dritt ta’ proprjeta`, imma <u>konferma ta’ dan id-dritt</u>. Dan huwa ovvju anke mid-dicitura tal-ligi stess (art.96) (Alfred Falzon Sant Manduca noe vs Albert Mizzi et noe, deciza minn din il-Qorti fil-21 ta’ Frar,1996). Dan l-Art. 96 tal-Kap. 29 kien jipprovdi hekk: ‘Ir-registrazzjoni ma taghmilx tajjeb ghall-importanza u l-awtorita` tat-trade mark jew ghat-tjubija jew ghall-origini tal-prodotti, jew ghall-ezistenza tal-kondizzjonijiet l-ohra mehtiega, sabiex ic-certifikat tar-registrazzjoni jkun validu’.”*

"Illi fl-ahharnett issir referenza ghas-sentenza recenti **"L-Av Dottor Clarence Busuttil noe vs Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali et"** (P. A. (LFS) – 13 ta' Novembru 2006 - Cit Nru: 491/03/LFS) fejn gie ritenut:-

*"F'kaz partikolari, maghruf bhala l-Muppets case,* ***Valletta vs Muscat Scerri et*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar 1995, il-Qorti qalet li r-reputazzjoni internazzjonali tal-attur kienet bizzejjed biex twaqqaf l-applikazzjoni tal-kummercjant lokali, u dan anke minkejja l-markju tal-attur ma kienx registrat f'Malta, u minkejja li l-prodotti in kwistjoni ma kinux jinsabu fis-suq lokali".*

*"Il-Qrati taghna, f'hafna kazijiet, irreferew ghar-rekwizit essenzjali, li jkun hemm kompetizzjoni bejn il-prodotti taz-zewg negozjanti, u ghalhekk iridu jkunu fl-istess linja ta' negozju. Fl-istess kaz enuncjat hawn fuq, il-Qorti tal-Kummerc qalet hekk:-*

*"L-uzu ta' Trade mark li tkun tixbah jew anke identika ghal dik uzata minn persuna ohra, izda ghall-merci differenti, ma jikkostitwix vjolazzjoni ta' drittijiet ta' dik il-persuna l-ohra."*

"Illi fil-fatt kompliet saret riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **"Valletta vs Muscat Scerri et"** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar 1995 fejn gie ribadit li:-

*"Ghal dak li jirrigwarda konkorrenza sleali, wiehed zgur ma jistax jitkellem fuq konkorrenza sleali meta wiehed mill-prodotti mhuwiex qieghed fuq is-suq lokali. Biex wiehed jikkonkorri jrid jippartecipa".*

*"Fil-granet tal-lum, b'access tal-konsumatur ghall-mezzi tal-pubblicita`, bin-nefqa li ssir fil-mezzi tal-pubblicita`, gew ikkreati certu* ***"brand names"*** *internazzjonali li hafna komputisti jtuhom anke valur monetarju ekwivalenti bhal dak ta' immobbli, u ta' merkanzija li ghandhom l-istess ditti……Huwa ovvju li wara li jkunu ssieltu biex ikkreaw isem b'fama internazzjonali, huma jippruvaw juzufruwixxu l-impatt ekonomiku ta' dan l-isem, billi jestendu l-uzu*

*tieghu kummercjali, ghal numru ta’prodotti varji, biex b’hekk huma jiehdu l-beneficcju ta’ dak li huma jkunu fil-fatt ikkreaw.”*

“Illi fil-kawza odjerna, is-socjeta` estera attrici ssostni u tibbaza l-opposizzjoni ghar-registrazzjoni tat-*trade mark* tas-socjeta` estera konvenuta “BOSS” peress li tali kelma jdentika “BOSS” hija uzata mis-socjeta` attrici. Issostni li l-marka “BOSS” proprjeta` taghha ma kenitx ristretta ghall-kamp tal-moda izda mal-medda taz-zmien espandiet u estendiet ghall-prodotti ohra mhux relatati mal-moda tal-hwejjeg tant li jinghad li l-marka “BOSS” intuzat mis-socjeta` attrici wkoll sa mill-bidu tas-snin disghin anki fuq tabakk u prodotti relatati mat-tipjip. Inoltre sostniet li abbazi tal-gurisprudenza nostrana l-fatt li l-marka “BOSS” mhiex registrata ghal oggetti ta’ tipjip u oggetti relatati huwa rrelevanti ghall-kawza odjerna. Inoltre gie sottolineat li l-marka tas-socjeta` attrici mhix xi marka kwalunkwe izda hija marka altru ben rinomata mad-dinja kollha u tipposjedi fama internazzjonali kemm fl-Ewropa kif ukoll mad-dinja kollha, konsegwenza ta’ *marketing* u pubblicita` estensiva u ta’ kwalita` gholja ta’ prodotti. Ghalhekk meta wiehed jikkonsidra l-impatt fuq il-konsumatur meta jara jew jisma’ kelma “BOSS” indubbjament ser issir assocjazzjoni awtomatika mas-socjeta` attrici.

“Illi min-naha l-ohra s-socjeta` estera konvenuta bbazat l-eccezzjonijiet taghha fuq il-fatt li l-marka “BOSS” mhiex registrata f’Malta fl-istess klassi li applikat ghaliha hija. Is-socjeta` estera konvenuta sostniet li ma ngabitx prova ta’ uzu f’Malta da parti tas-socjeta` attrici ta’ “BOSS” bhala *trade mark* wahedha. L-uniku investiment li s-socjeta` attrici ghamlet f’Malta fil-kelma “BOSS” wahedha hija nefqa minima ghal zewg registrazzjonijiet ta’ *Trade marks* fi klassi 18 u 25, liema registrazzjonijiet ma jintuzawx. Inoltre s-socjeta` estera konvenuta sostniet li l-fama u reputazzjoni hija gawduta fuq il-marka “HUGO BOSS” dwar hwejjeg in partikolari (fi klassi 25). “HUGO BOSS” hija anqas maghrufa bhala *Trade mark* fi klassi 18 referibbli ghall-accessori ghall-hwejjeg.

"Illi s-socjeta` estera konvenuta sostniet li m'hemmx lok li l-konsumatur jithawwad. Infatti sostniet li l-unici prodotti tas-socjeta` attrici li joqorbu xi ftit mad-deskrizzjoni *smokers' articles* kontenuta fl-ispecifikazzjoni tal-applikazzjoni mertu tal-vertenza odjerna huma s-*cigar cases* tal-gilda u l-*lighters* tal-metall bil-marka "BOSS HUGO BOSS" li s-socjeta` attrici tirreferi ghalihom bhala *smoking accessories* (u ghaldaqstant distinti *di natura* minn *smokers' articles*) u dan ghall-kollezzjonijiet 2000/2001 u cioe` wara l-1987 korrispondenti mas-sena meta s-socjeta` konvenuta bdiet tikkummercjalizza l-prodotti taghha taht marka "BOSS" barra minn Malta. B'hekk il-generu ta' prodotti huma differenti.

"Illi inoltre s-socjeta` estera konvenuta pprezentat diversi dokumenti minn fejn jidher li l-kelma "BOSS" intuzat b'relazzjoni ghal diversi servizzi u prodotti differenti u kwindi ssostni li l-kelma "BOSS" mhix id-dominju esklussiv ta' kummercjant wiehed ghall-generi kollha ta' prodotti u servizzi.

"Illi wara li l-Qorti rat il-provi prodotti, li fil-maggoranza taghhom kienu provi dokumentarji, tibda biex tghid li l-ewwel ma jrid jigi ezaminat fuq kwistjoni ta' opposizzjoni ghar-registrazzjoni ta' *Trade mark,* huwa l-principju tal-idea dominanti taz-zewg marki. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li t-*Trade mark* li s-socjeta` estera konvenuta talbet biex tigi registrata ghandha similjanzi mal-marka proprjeta` tas-socjeta` estera attrici u dan peress li l-kelma "BOSS" hija nkluza fiz-zewg *Trade marks.*

"Illi ghalhekk f'dan is-sens u minhabba l-uzu tal-kelma "BOSS" meta jezamina d-dokumenti ezebiti miz-zewg nahat huwa evidenti ma' l-ewwel daqqa t'ghajn li l-istess huma simili ghal xulxin izda daqstant iehor jista' jinghad li l-istess marki ma humiex identici u dan peress li mill-provi prodotti jidher li fil-verita' t-tezi tas-socjeta` konvenuta hija iktar korretta peress li bhala tali mhux il-kelma "BOSS" waheda li hija ben nota u difuza izda l-fama tal-istess kelma "BOSS" hija stabbilita meta wzata mal-kelma l-ohra "HUGO" u b'hekk fil-verita l-marka li hija verament maghrufa hija dik ta' "HUGO BOSS", u mhux ta' "BOSS"

*ut sic.* Illi dan japplika anke jekk il-kelma "BOSS" hija wzata bil-forma *stylised* abbinata mal-kliem l-ohra "HUGO BOSS" ukoll *stylized.* Dan fil-fatt jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici stess fejn hemm il-kelma "BOSS" kwazi dejjem hemm referenza ghall-kelma "HUGO BOSS" ukoll u fil-fatt il-kliem l-ahhar imsemmija jinsabu hafna drabi f'tipi anke izghar taht l-istess kelma.

"Illi harsa lejn Dok. "LAS 15" a fol. 95 esebit mis-socjeta` estera konvenuta jirrizulta li fuq il-pakkett tas-sigaretti hemm l-kelma "BOSS" b'ittri kbar, kelma li hija identika ghal dik uzata mis-socjeta` estera attrici hlief li l-kelma hija inserita bejn zewg linji dritti, izda b'indikazzjoni diretta ghall-prodott li qed jigi mibjugh u allura f'dan il-kaz ghat-tip ta' sigaretti li l-pakkett jirreferi ghalih. Min-naha l-ohra din il-Qorti thoss li dak li ghandha dritt ghalih is-socjeta` attrici ma huwiex l-uzu tal-kelma jew marka "BOSS" *ut sic,* izda meta l-istess kelma hija abbinata mal-kliem "HUGO BOSS" jew "HUGO", bil-mod kif sew gie spjegat mis-socjeta` konvenuta fit-tielet paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet taghha u fil-fatt din il-Qorti thoss li anke jekk wiehed ihares lejn id-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici jirrizulta li l-fama tal-kelma "BOSS" hija ristretta ghal meta l-istess kelma tigi wzata flimkien mal-kliem "HUGO BOSS" jew "HUGO" u dan ghall-mument anke mmaterjalment mill-prodotti li l-istess marki jirreferu ghalihom.

"Illi huwa sintomatiku f'dan ir-rigward li c-citazzjoni attrici saret b'riferenza ghat-*Trade mark* bl-isem biss tal-kelma "BOSS" u dan meta kwazi mill-atti kollha relattivi dwar il-prodotti tas-socjeta` attrici jidher li din il-kelma hija protetta meta wzata mal-kliem "HUGO BOSS" jew "HUGO" kif gja nghad u kif jidher min-numru kbir anke ta' reklami li gew esebiti mis-socjeta` attrici stess anke waqt *tournaments* tat-tennis u wkoll ghat-tlielaq tal-Grand Prix, tant li l-kelma "BOSS" hija kbira u tahtha hemm miktubin b'tipi izghar il-kliem "HUGO BOSS" u dan huwa sinifikanti meta wiehed jikkonsidra li kwazi r-ritratti kollha tar-riklami esebiti mis-socjeta` attrici huma tal-istess mod, b'dan li certament li dak li kien qed jigi reklamat ma kenitx il-kelma jew marka

"BOSS" biss izda meta tali kelma hija uzata mal-kliem "HUGO BOSS".

"Illi dan japplika wkoll ghall-artikolu dwar *sponsorship* esebit mis-socjeta` attrici stess, kif ukoll ghall-oggetti kollha li hemm indikati bhala prodotti taht il-marka "BOSS" bil-kliem tahtha "HUGO BOSS", prodotti li skond il-ktieb "BOSS Hugo Boss Collection 1999/2000" lanqas ghandhom x'jaqsmu ma prodotti tas-sigaretti. Dan japplika wkoll ghal dak li huwa ndikat bhala fuljett ta' *smoking accessories 2000/2001* li kull ma fih huwa ritratt ta' *"cigar holder"* u *"metal lighter"* u fuqhom ghandhom il-kliem "BOSS" b'ittri kbar u taht l-istess kelma l-kliem "HUGO BOSS" b'ittri kapitali wkoll ta' daqs izghar.

"Illi peress li l-azzjoni attrici ssemmi l-kelma u t-*Trade mark* biss tal-kelma "BOSS", din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi ghaliex fil-fatt is-socjeta` attrici ghandha l-proprjeta` tal-istess *trade mark* meta effettivament l-istess kelma hija uzata mal-kliem "HUGO BOSS" jew "HUGO".

"Illi pero` anke jekk ghall-grazzja tal-argument jigi koncess li l-kelma "BOSS" uzata mis-socjeta` konvenuta tista' tohloq konfuzzjoni ghas-socjeta` attrici, u dan ghaliex hija parti jew ahjar wahda mill-kliem tal-marka "HUGO BOSS", sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici jrid jigi ppruvat ukoll li din il-marka ser tintuza ghall-istess prodott jew ghall-prodott simili ghal dak li s-socjeta` attrici tuza l-marka taghha fuqu.

"Illi f'dan il-kuntest ma hemm ebda dubju li dan il-principju gie abbracjat mill-Qrati taghna u dan fis-sens li r-rassomiljanza trid tkun in relazzjoni ma' prodott li jekk mhux identiku imma li jkun *'of the same description'.*

"Illi m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li s-socjeta` estera attrici m'ghandhiex registrat f'isimha fi klassi 34 li hija l-klassi li s-socjeta` estera konvenuta applikat u li tirrigwarda *"tobacco, smokers' articles; matches"* (a fol. 30 tal-process).

“Illi ghalkemm huwa pacifiku li la darba l-fatt li marka tkun registrata f’pajjizna mhux fih innifsu l-krejazzjoni tad-dritt ta’ proprjeta` imma huwa biss konferma ta’ dan id-dritt, uzu tat-*Trade mark* fis-suq xorta jaghmel l-istess markju proprjeta` esklussiva ta’ dik id-ditta. L-istess japplika jekk din il-marka tigi wzata f’suq esteru. Ovvjament dan qed jikkonsidra wkoll il-fatt li l-konsumatur illum ghandu access ghall-mezzi tal-pubblicita` u l-mezzi ta’ komunikazzjoni varji. Konsegwentement, *Trade mark* li mhix registrata f’Malta pero` tintuza minn ditta f’suq barrani wkoll ghandha tigi protetta f’dan il-pajjiz.

“Illi f’dan is-sens din il-Qorti thoss li s-socjeta` attrici ma ppruvatx li l-istess marka giet utilizzata minnha ghal prodotti ta’ *“tobacco, smokers’ articles; matches”* u dan meta ma hemm l-ebda dubju li r-registrazzjoni ntiza mis-socjeta` konvenuta tirreferi ghall-istess prodotti tat-tabakk u partikolarment ghal sigaretti. Fil-fatt dak li gie esebit mis-socjeta` konvenuta kienu ritratti ta’ pakketti tas-sigartetti li fuqhom ghandhom il-kelma “BOSS” biss. F’dan is-sens huwa sinifikanti li mill-*pamphlets* u reklami kollha esebiti mis-socjeta` attrici ma hemm l-ebda prodott tat-tabakk u lanqas l-ebda tip ta’ sigaretti taht l-istess isem u l-iktar li hemm vicin huwa proprju l-ktejjeb fuq imsemmi li jirreferi ghall-*smoking accessories*, izda dan jirreferi biss ghal *cigar cases* tal-gilda u *lighters* tal-metal.

“Illi certament li f’Malta ma gie ppruvat li hemm l-ebda prodott tas-sigaretti jew tabakk taht l-isem ta’ “BOSS” u dan lanqas meta abbinat mal-kliem “HUGO BOSS” u dan dejjem fil-konfront tas-socjeta` attrici. Fl-istess waqt din il-Qorti thoss li l-uzu tal-istess *Trade mark* mis-socjeta` attrici barra minn Malta huwa fl-ahjar ipotesi neboluz u certament kontestat, konstatazzjoni li hija wkoll fatali ghall-azzjoni attrici, ghaliex b’hekk ifisser li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-allegazzjonijiet taghha fir-rigward tal-prodotti ndikati mis-socjeta` konvenuta ma giet bl-ebda mod ippruvata.

“Illi fil-fatt din il-Qorti hija sodisfatta li l-unika prova li tista’ toqghod fuqha hija dik li s-socjeta` estera attrici uzat il-kelma “BOSS” mal-kliem fuq indikat biss ghal dak li gew

indikati bhala *smokers' articles* u dan kif jirrizulta anke mill-ktejjeb li jirreferi ghall-kollezzjoni tas-sena 1999/2000 u dan limitatament ghal dak hemm u hawn espost u b'hekk din il-Qorti thoss li dak li nghad f'paragrafu (c) tan-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz huwa wkoll fattwalment korrett.  Dan iwassal sabiex jinghad li l-allegazzjonijiet attrici ma gewx ippruvati u lanqas jirreferu ghall-prodott jew prodotti simili ghal dak li s-socjeta` konvenuta qed tittenta tirregistra l-marka indikata dwarhom.  Fuq kollox ma jirrizultax li s-socjeta` attrici b'xi mod akkwistat id-dritt li tuza l-marka tal-kelma wahedha "BOSS" fuq prodotti tat-tabakk u b'hekk l-allegazzjonijiet kollha attrici ma gewx ippruvati u b'hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

"Illi mhux hekk biss izda gie ppruvat ukoll li s-socjeta` estera konvenuta kienet uzat il-kelma "BOSS" sa mill-1987 fil-kuntest tal-istess prodotti taht il-klassi 34.  Dan jirrizulta mill-affidavit tal-konvenut fejn anke xehed li l-origini ta' uzu fil-kummerc tat-*trade mark* "BOSS" tas-socjeta` estera konvenuta tmur lura ghas-sena 1984 meta din il-marka giet registrata ghall-ewwel darba fl-Islovenja mis-socjeta` Slovena bl-isem ta' Tobacna Ljubljana d.o.o, liema socjeta` hija sussidjarja tas-socjeta` estera konvenuta u ntroduciet is-sigaretti "BOSS" ghall-ewwel darba fl-Islovenja fl-1987.  Din il-prova ma giet bl-ebda mod lanqas kontradetta mis-socjeta` attrici u ghalhekk a bazi ta' dan kollu t-talbiet attrici ghandhom u qed jigu michuda."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur nomine li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u tghaddi biex tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici, u dan taht kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha opportun, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati;

Rat ir-risposta tal-konvenut nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li s-sentenza tal-ewwel Qorti ma tigix disturbata;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta` attrici hija proprjetarja ta' marka registrata konsistenti fil-kelma "BOSS" riferibbilment ghal hwejjeg u oggetti in konnessjoni ma' prodotti ta' lbies. Is-socjeta` konvenuta talbet li tirregistra l-istess marka "BOSS" in konnessjoni ma' prodotti ta' tabakk u ohrajn relatati. Is-socjeta` attrici opponiet ghal din l-ahhar talba, u peress li s-socjeta` konvenuta baqghet tinsisti li ghandha dritt tirregistra l-marka taghha, saret din il-kawza da parti tas-socjeta` attrici li qed titlob li ma jigix koncess lis-socjeta` konvenuta tirregistra f'isimha il-kelma "BOSS". L-azzjoni hija bazata fuq id-drittijiet li akkwistat is-socjeta` attrici bir-registrazzjoni tal-marka "BOSS" u mhux fuq xi forma ta' konkorenza zleali.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici a bazi ta' zewg konsiderazzjonijiet principali: (i) li s-socjeta` attrici ghandha l-proprjeta` tal-istess marka biss meta effettivament l-istess kelma hija wzata mal-kliem "HUGO BOSS" jew "HUGO"; (ii) li s-socjeta` konvenuta mhix se tuza dik il-marka ghall-istess prodott jew ghall-prodotti simili ghal dak li s-socjeta` attrici tuza l-marka taghha fuqu.

Is-socjeta` attrici, fl-appell taghha, ressqet bazikament tlett aggravji kontra dawn il-konsiderazzjonijiet, u qed issostni (a) li f'kull kaz, huwa illecitu li xi hadd japproprija ruhu minn xi parti mill-markju ta' xi hadd, u dan anke jekk il-protezzjoni li ghandha dritt ghaliha s-socjeta` attrici hija ghall-kliem "HUGO BOSS", (b) li s-socjeta` attrici ilha tuza l-marka "BOSS" in konnessjoni ma' prodotti ta' tabakk, avolja m'ghandhiex registrat f'isimha l-marka in konnessjoni ma' dawk il-prodotti, u (c) li, fit-terminu tal-Artikolu 10(3)(b) tal-Att dwar it-Trade Marks (Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta), hija intitolata ghall-protezzjoni anke jekk il-marka tintuza rigward oggetti li ma jkunux simili, jekk

dak li jkun ikun qed jipprova jiehu “vantagg mhux gust” mill-fama u r-reputazzjoni tal-ewwel marka.

Fuq dan l-ahhar argument, din il-Qorti tirribadixxi dak li osservat l-ewwel Qorti li fit-terminu tad-dispozizzjonijiet transitorji kontenuti fl-Artikolu 91(1) tal-Kap. 416, procedimenti li jkunu bdew taht il-ligi l-qadima, l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta` Industrijali (Kap. 29 tal-Ligijiet ta’ Malta), ghandhom jigu trattati taht dik il-ligi, u la darba taht dak ir-regim, ma kienetx applikabbli sitwazzjoni simili ghal dik kontemplata fl-Artikolu 10(3)(b) tal-Kap. 416, din il-Qorti ma tistax tikkonsidra dak il-provvediment, la darba jirrizulta li dawn il-procedimenti bdew bl-applikazzjoni tas-socjeta` konvenuta fil-11 ta’ Mejju, 2000, qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap. 416 fl-1 ta’ Jannar, 2001.

Trattat issa l-ewwel aggravju tas-socjeta` attrici appellanti, trattandosi tal-fatt li din hi kawza ta’ oppozizzjoni ghar-registrazzjoni ta’ Trade Mark, u mhux ta’ konkorrenza zleali, il-Qorti trid titlaq ghall-istharrig taghha mill-kelma kif registrata mis-socjeta` attrici, u sakemm ma jigix allegat u ppruvat li l-proprjetarju ta’ dik ir-registrazzjoni tilef id-dritt fuqha b’non-uzu kif u ghaz-zmien li trid il-ligi, l-istess proprjetarju ghandu dritt ghall-protezzjoni ta’ dik il-marka. Kif inghad minn din il-Qorti fil-kawza **Vassallo noe v. Caruana et.**, deciza fis-7 ta’ Gunju, 1950, min jakkwista registrazzjoni ghandu l-jedd ghall-uzu esklussiv taghha; dan jikkomprendi d-dritt ta’ oppozizzjoni ghar-registrazzjoni ta’ marki li jistghu jigu konfuzi ma’ dak gia` registrat. Aktar qabel, il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Attard v. Pace**, deciza fit-28 ta’ Marzu, 1893, kienet osservat li l-kummercjant li jkollu favur tieghu registrazzjoni ta’ marka “e` capace di tutti i diritti e di tutte le difese della proprieta`”.

Ma jirrizultax f’dan il-kaz li s-socjeta` attrici tilfet id-dritt tal-proprjeta` tal-marka in kwistjoni. Huwa veru li, hafna drabi, tuza l-marka b’zieda, taht il-kelma, tal-kliem “HUGO BOSS”, pero`, jibqa’ l-fatt li hi baqghet taghmel uzu mil-kelma “BOSS” wahedha, u b’certa prominenza anke meta giet uzata mal-frazi “HUGO BOSS”. Gew, fil-fatt, esebiti

diversi ritratti li juru l-uzu tal-kelma “BOSS” wahedha, u ohrajn li juru l-kelma “BOSS”, u tahta b’tipi zghar, il-kliem “HUGO BOSS”. Dan jidher li hu parti mill-istrategija kummercjali tas-socjeta` attrici, u bl-ebda mod ma jista’ jinghad li din tilfet id-drittijiet li ghandha fuq il-kelma “BOSS”.

Jista’ jinghad ukoll li anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, jista’ jinghad li r-reputazzjoni tal-kelma “BOSS” hija aktar imxerrda fil-kuntest tal-kliem “HUGO BOSS”, jibqa’ l-fatt li kif osservat il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Somerville noe v. Schembri noe**, deciza fit-18 ta’ Novembru, 1884, b’riferenza ghal dak li kien asserit mill-House of Lords tal-Ingilterra f’kawza ohra:
“As soon, therefore, as a trade mark has been so employed in the market as to indicate to purchasers that the goods to which it is attached are the manufacture of a particular firm, it becomes, to that extent, the exclusive property of the firm; and no one else has a right to copy it, or even to appropriate any part of it, if by such appropriation unwary purchasers may be induced to believe that they are getting goods which were made by the firm to whom the trade mark belongs.” (sottolinear ta’ din il-Qorti) (ara wkoll, fl-istess sens, il-kawza **Farrugia noe v. Benjacar noe**, deciza minn din il-Qorti fil-21 ta’ Marzu, 1949)

F’dan il-kaz, ma hemmx dubju f’mohh din il-Qorti, li l-uzu tal-kelma “BOSS” fuq oggetti simili ghal dawk li ghalihom is-socjeta` attrici talbet u nghatat protezzjoni, johloq konfuzjoni f’mohh il-konsumatur ordinarju dwar il-provenjenza tal-prodotti, li facilment jahseb li dawk il-prodotti jkunu manifatturati minn jew taht licenzja moghtija mis-socjeta` attrici.

Kwindi, dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti tara li s-socjeta` attrici appellanti ghandha ragun.

Mhux l-istess, pero`, jista’ jinghad fil-kuntest tat-tieni ilment tas-socjeta` attrici. Il-pozizzjoni kif kienet taht il-Kap. 29, applikabbli ghall-kaz, hi li biex proprjetarju ta’ marka jirnexxi fl-azzjoni minnu intentata, irid jigi muri li din

il-marka ser tintuza ghall-istess prodott jew ghal prodott simili ghal dak li s-socjeta` attrici rregestrat l-istess marka. Kif qalet il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Valletta noe v. Muscat Scerri et noe**, deciza fit-18 ta' Marzu, 1992:
"l-uzu ta' Trade Mark li tkun tixbah jew anke identika ghal dik uzata minn persuna ohra <u>izda ghall-merci differenti</u>, ma jikkostitwix vjolazzjoni ta' drittijiet ta' dik il-persuna l-ohra."

(Din is-sentenza giet revokata minn din il-Qorti b'sentenza tal-15 ta' Frar, 1995, ghax bhala fatt kien irrizulta li s-socjeta` attrici kellha favur taghha r-registrazzjoni ta' kelma proprju <u>ghall-istess prodotti</u> li taghhom kien qed jipprova jottjeni r-registrazzjoni l-konvenut). Din il-Qorti, fil-kawza **Salamone noe v. Borg noe**, deciza fil-5 ta' Frar, 1952, kienet irribadit dan il-principju, pero` osservat li l-prodotti ma hemmx bzonn ikunu identici ghal dawk tal-parti opposta, ghax huwa bizzejjed li jkunu "of the same description".

Fil-ktieb **Intellectual Property** ta' David Bainbridge (5th Edition, 2002), intqal dan fuq din il-kwistjoni:

"In determining whether goods are similar, Jacob J in *British Sugar plc v. James Robertson & Sons Ltd* suggested a test derived from the old test for whether goods were of the same description used under the 1938 Act. He suggested the following factors were relevant:

(a) the respective uses of the respective goods or services;
(b) the respective users of the respective goods or services;
(c) the physical nature of the goods or acts of service;
(d) the respective trade channels through which the goods or services reach the market;
(e) in the case of self-service consumer items, where in practice they are respectively found or likely to be found in supermarkets and in particular whether they are, or are likely to be, found on the same or different shelves;

(f) the extent to which the respective goods or services are competitive. This inquiry may take into account how those in trade classify goods, for example, whether market research companies, which of course act for industry, put the goods or services in the same or different sectors."

Issa, f'dan il-kaz fil-waqt li l-kelma "BOSS" hija registrata ghall-prodotti konnessi ma' lbies, is-socjeta` konvenuta qed titlob ir-registrazzjoni tal-istess kelma in konnessjoni ma' prodotti ta' tabakk, u ghalkemm is-socjeta` attrici ippruvat tidhol fis-suq ta' tipjip (u dan billi harget fis-suq *cigar holder* u *lighter* li fuqhom stampat il-kliem "BOSS" u "HUGO BOSS"), dik il-marka hi registrata biss ghall-oggetti in konnessjoni ma' lbies, u mhux ghall-prodotti ta' tabakk, li huma totalment differenti. Dan apparti li jirrizulta inkontestat li s-socjeta` konvenuta ilha tuza l-kelma "BOSS" in konnessjoni ma' prodotti ta' tabakk sa mill-1987, ferm qabel ma s-socjeta` attrici ottjeniet ir-registrazzjoni tal-kelma "BOSS" fil-kuntest ta' prodotti ta' lbies.

Kieku l-kwistjoni qed tigi mistharrga taht ir-regim tal-ligi l-gdida (li giet introdotta f'pajjizna bil-hsieb li l-ligi relattiva tkun konformi mad-direttiva tal-Unjoni Ewropea li maghha l-istat Malti dak iz-zmien kien qed jaspira li jinghaqad), allura l-kwistjoni setghet forsi tiehu xejra differenti, ghax ikun irid jigi ezaminat jekk il-marka "BOSS" tas-socjeta` attrici akkwistatx il-fama internazzjonali ta' "brand name" li kien jintitolaha tuzufruwixxi mill-impatt ekonomiku ta' dan l-isem billi testendii l-uzu tieghu kummercjali ghal numru ta' prodotti varji, u dan fit-termini tal-Artikolu 10(3)(b) tal-Kap. 416 (kif ghamlet, per ezempju l-Qorti Awstrijaka f'decizjoni li tat fuq l-istess kaz bejn l-istess partijiet, meta osservat li "the plaintiff's reputation could also be exploited for cigarettes" – ara sentenza finali tal-Qorti Suprema tal-Awstrija tal-15 ta' Ottubru, 2002, esebita fl-atti). Ghalkemm, f'dan il-kaz, wiehed ikun irid jikkunsidra wkoll ic-cirkostanza li d-ditta konvenuta ilha taghmel uzu mill-kelma "BOSS" fil-kuntest ta' prodotti ta' tabakk sa mill-1987.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u mhux ghar-ragunijiet kollha migjuba mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------